Mellieħa

3 ta' Marzu 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 11**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **11** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu, 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u l-medja soċjali u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

11.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

11.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

11.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

11.5. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier;

11.6. Mozzjoni dwar Sejħa għall-Offerti MLC 10/2019 – Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi *u Soft Areas;*

11.7. Mozzjoni dwar Sejħa għall-Offerti MLC 8/2019 – Żamma ta' Latrini Pubbliċi;

11.8. Mozzjoni dwar Sejħa għall-Offerti MLC 9/2019 – Titjib fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme;

11.9. Mozzjoni dwar disponiment ta' assi permanenti;

11.10. Mozzjoni dwar Estimi Finanzjarji 2020 u Pjan ta' Ħidma 2020-2022;

11.11. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

11.12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**MOZZJONIJIET**

11.6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella, illi tgħid:-

"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti MLC 10/2019 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2020, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u

Billi saret evalwazzjoni tas-sitt offerti li ġew sottomessi bil-għajnuna ta' rapport dwar konformità mal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement*, fejn irriżulta li l-offerta (123320) ta' Sandro Caruana kienet l-aktar waħda bi prezz baxx u konformi mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-offerta;

Billi l-offerent Sandro Caruana, permezz ta' notifika datata 25 ta' Frar 2020, irrifjuta li jonora l-offerta tiegħu minħabba raġunijiet li huwa ta;

Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lit-tieni offerent ippreferut, is-Sur Alistair Bezzina, bl-offerta tiegħu 123318, li tinvolvi spiża globali għal erba' snin ta' €66,720, eskluża l-V.A.T."
(K/6/3/Vol III)

| | |
|---|---|
| Dario Vella<br>Proponent | Emvin Bartolo<br>Sekondant |

11.7. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, illi tgħid:-

"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi għaddielu t-terminu;

Billi saret sejħa għall-offerti MLC 8/2019 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2020, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3053; u

Billi saret evalwazzjoni tal-erba' offerti li ġew sottomessi bil-għajnuna ta' rapport dwar konformità mal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement*, fejn irriżulta li l-offerta 120512 kienet l-aktar waħda li ġabet punteġġ għoli, liema punteġġ jiddependi minn diversi kriterji approvati mid-Dipartiment tal-Kuntratti, marbuta mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-offerta, kif ukoll l-ispiża;

Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lill-Antoine Fenech, bl-offerta tiegħu li tinvolvi spiża annwali ta' €57,659.12, eskluża l-V.A.T." (L/3/Vol II)

| | |
|---|---|
| Annabelle Brincat Stellini<br>Proponent | Marvin Abela<br>Sekondant |

11.8. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 9/2019, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi titjib fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme;

Billi saru rapporti tekniċi minn inġinier u perit u evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-unika offerta li saret, skont rapport datat 27 ta' Frar 2020; u

Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2020 ġew ivvutati fondi fil-Vot 7505 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 skont ftehim bir-referenza ERDF.PA5.0115;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Aretrop Ltd, illi rriżulta li ssottomettew l-inqas offerta finanzjarja, filwaqt li kienu wkoll konformi mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.". (P/10/30)

John Buttigieg
Proponent

Gabriel Micallef
Sekondant

11.9. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella li tgħid:

"Billi ċerti assi permanenti fil-kategorija ta` Tagħmir tal-Uffiċċju u Għamara, ma baqgħux jintużaw minħabba li qdiemu, liema assi ġew identifikati skont il-lista li tidher hawn taħt:

| Referenza ta` l-Assi Fissi | Dettalji | Valur Originali ta` l-Assi |
|---|---|---|
| E011 | *Refridgerator* | €221.29 |
| E067 | *Computer Unit* | €698.81 |
| E069 | *Laser Printer* | €714.65 |
| E073 | *Computer Tower* | €645.24 |
| E075 | *Computer Unit* | €862.00 |
| E079 | *Note Book Computer* | €525.00 |
| F132-134 | *Wall Clocks* | €44.10 |
| F206 | *Swivel Chair* | €450.00 |
| | Total: | 4,161,09 |

Il-Kunsill jirriżolvi li dawn jinqatgħu mill-inventarju skont il-Proceduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), Paragrafu 1.16b.01."

Billi l-proġetti msemmija hawn taħt kellhom jitwarrbu minħabba raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, liema proposti jinkludu:

| | |
|---|---|
| Vot: 7502 | Kisi mill-ġdid ta' Triq l-Armier iż-Żgħir |
| Vot: 7520 | Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ il-Parroċċa (Manikata) flimkien ma' parkeġġ taħt il-livell tagħha. |

Il-Kunsill jirriżolvi li l-ispejjeż li laħqu fuq it-tfassil tagħhom, m'għandhomx jibqgħu jidhru fuq il-kotba bħala spiża fuq assi li għandhom ma ġewx kapitalizzati.". (F/1/2/Vol VIII)

Dario Vella
Proponent

Ivan Castillo
Sekondant

**11.10. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-**

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 7, 8, u 9 tat-13 ta' Novembru 2019, 16 ta' Diċembru 2019, u 13 ta' Jannar 2020, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat tal-lokalità separati għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, fid-29 u t-30 ta' Jannar 2020, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2020 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2020/2022, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/31)

John Buttigieg
Proponent

Emvin Bartolo
Sekondant